*Apprezzament*

# Patri Alphonse Zammit (1899 - 1997)



Patri Alphonse Zammit O.Carm. jew aħjar kif kien magħruf, Patri Fonz, twieled nhar l-1 ta' Ġunju, 1899 fiż-Żejtun u studja fis-seminarju l-Furjana. Meta kien għadu lajk kien jattendi d-Domus Sagra Familja taż-Żejtun flimkien ma' Patri Wistin Caruana, Karmelitan u l-quddiem anke Kappillan tal-Parroċċa tagħna. It-tnejn kienu jħejju t-tfal għal-Preċett u l-Griżma ta' l-Isqof fiż-Żejtun. Huma kienu l-ewwel żewġ membri tad-Domus Żwieten li kienu saru reliġjużi.

Ta' 18-il sena, nhar is-16 ta' Ottubru 1917, Patri Fonz issieħeb fl-Ordni Karmelitan u wara sena novizzjat, fl-24 ta' Ottubru 1918 ipprofessa sempliċiment il-voti Reliġjużi. Huwa mbagħad intbagħat Ruma fejn għamel il-kors tal-Filosofija u meta ġie lura Malta għamel il-kors tat-Teoloġija fl-Universita ta' Malta waqt li ipprofessa solenniment il-voti Reliġjużi nhar l-1 ta' Novembru 1921. Fis-sena mqaddsa ta' l-1925, sewwa sew fid-19 ta' Diċembru, Patri Fonz ġie ordnat Saċerdot mill-Isqof Mauro Caruana fil-Katidral ta' l-Imdina. Matul il-ħajja tiegħu Saċerdotali, okkupa diversi karigi. Fl-1935 huwa laħaq Pirjol u Kappillan tal-Parroċċa ta' Sta. Venera, uffiċċju li dam jokkupa għal 11-il sena li matulhom irnexxielu jakkwista dar kbira li fiha ġabar iċ-Ċentru Parrokkjali (ix-Chateau Lonz) li għal bosta żmien kien jintuża wkoll bħala l-iskola ta' Mount Carmel. Matul iż-żmien, l-istess Chateau Lonz, parti minnu kienet isservi ta' Kappella wkoll għax minħabba li l-Parroċċa bdiet tikber bil-minuti, inħasset il-ħtieġa li sakemm tinbena l-Knisja l-ġdida jkun hemm post akbar li jesa' aktar nies għal ċertu funzjonijiet bħal Preċett u l-Griżma peress li l-Knisja Parrokkjali kienet saret żgħira wisq. Huwa rnexxielu jakkwista għalqa kbira fejn illum qiegħda tinbena l-Knisja l-Ġdida.

Patri Fonz, bl-istess ħsieb, irnexxielu jakkwista wkoll għalqa oħra fi Fleur-de-Lys fejn fl-14 ta' Jannar, 1945 tqiegħdet l-ewwel ġebla li llum saret

***tkompli f'paġna 79***

*tissokta minn paġna 77*

Parroċċa taħt it-titlu tal-Madonna tal-Karmelu. Fl-1948 waqt li kien jieħu ħsieb id-dar li nbniet ma' din il-Knisja, Patri Fonz ġie magħżul Segretarju tal-Provinċjal il-Wisq Rev. Patri Bernard Farrugia O.Carm., kariga li kellu jħalli wara sena biex hekk sar l-ewwel Pirjol tal-Komunita ta' Fleur-de-Lys. Huwa għamel 9 snin bħala Definutur. Matul dan iż-żmien Patri Fonz ma naqasx li jagħmel wkoll ħidma Pastorali bħalma huma Priedki, fosthom kors ta' ezerċizzji f'Tunes fl-1935 u qrar f'bosta kunventi tas-Sorijiet. Patri



*L-għalqa kbira li Patri Fonz irnexxielu jakkwista fejn illum qiegħda tinbena l-Knisja l-Ġdida Parrokkjali. Fir-ritratt jidhru l-bennejja għadhom qegħdin itellgħu partijiet mill-pedamenti. Fl-isfond tar-ritratt wieħed jista' jara l-Istitut ta' Apap kif ukoll id-djar tas-Sinjuri Portanier.*

Fonz jistħoqqlu li jissemma fil-Parroċċa tagħna għax qatta' ħafna żmien minn ħajtu jagħmel il-ġid fil-Parroċċa tagħna. Huwa kien jagħmel parti mill-Parroċċa tal-Balluta. L-aħħar żmien ta' ħajtu għaddiehom fid-Dar tal-Kleru fi Fleur-de-Lys fejn ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-13 ta' Mejju 1997 fl-eta venerabbli ta' 98 sena.

***Ħajr lill-Provinċja Karmelitana.***
***Riċerka saret minn Michael Zerafa.***